**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 329/22 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**
**vs**
**Llewwlyn Xerri**

**Illum 22ta' Marzu, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Llewwlyn Xerri ta' 27 sena, iben Martin u Anna nee` Agius, imwieled Pieta' nhar is-16 ta' Jannar 1996, u residenti gewwa Annmar, Valletta Road, Qormi u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 39696M

Akkuzat talli bejn il-lejl tas-6 ta' Gunju 2022 u s-7 ta' Gunju 2022 minn gewwa ir-restaurant bl-isem Grana, Triq ix-Xatt, Gzira:

1. Ikkommetta serq ta' kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-hin, u bil-lok, liema ammont ma **jeccedix** l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Kurt Camilleri u/jew persuna/i ohra u/jew kumpanija/i ohra;
   **Art 267, 268, 270, 278 u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

2. Kiser il-provvedimenti tal-Artkolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija nhar is-26 ta' Mejju 2022 mill-Qorti tal-Magitrati (Malta) liema sentenza giet definittva u ma tistax tigi mibdula

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex titratta mal-imputat bhala recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa gie misjub hati u kkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi; u

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali datat 21 ta' Gunju 2022, sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja.

**Decide:**

Għaldaqstant il-Qorti wara li l-Artikoli 267, 268, 270, 278 u 279(a), 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qed issib lill-imputat Llewwlyn Xerri hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda testendi l-Ordni ta' Probation moghtija lill-imputat fis-16 ta' Mejju 2022, ghall-perjodu totali ta' tlett (3) snin minn dik id-data.

Finalment, spjegat lill-ħati LLewwlyn il-portata ta' din is-sentenza ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u tordna notifika tal-odjerna sentenza u Estensjoni tal-Ordni ta' Probation lid-Direttur tal-Probation Services u Parole.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Registratur**